# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Seduta tat-2 ta' Mejju, 2019.**

**Rikors Ġuramentat Nru 37/18GM**

Hussein Abdi Ismael KI 56931A

-vs-

Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati;
Kummissarju tar-Refuġjati;
Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta

Il-Qorti,

Rat it-Talba Maħlufa tar-rikorrenti ppreżentata fil-11 ta' Jannar 2018 fejn wara li ppremetta:

1. Illi r-rikorrent huwa ta' nazzjonalita` Somala u bħalissa jirresjedi ġewwa San Pawl il-Baħar, wara li huwa ġie Malta bħala refuġjat nhar it-18 ta' Frar, 2009.
2. Illi fl-2009 ir- rikorrent applika sabiex jingħata ażil u protezzjoni f' Malta stante li huwa kien mid-distrett ta' Jilip, mir-reġjun ta' Middle Juba, Somalja, liema distrett huwa afflitt minn gwerer, ġlied u tbatija u huwa ta' sikwiet maħkum mill-forzi estremisti tal-Al-Shabab. Kien propju għalhekk li r-rikorrent għex dejjem f' biża' fondat ta' persekuzjoni hekk kif isemmi l-Att dwar ir- Rifuġjati, Kap. 420 tal- Liġijiet ta' Malta u kien propju għalhekk li huwa ħarab sabiex ifittex refuġju barra minn pajjiżu;
3. Illi madanakollu permezz tad-deċiżjoni meħuda mill-Kummissarju tar-Refuġjati fil-31 ta' Ottubru, 2009, ir-rikorrent kien mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu sabiex jingħata l-istat ta' rifuġjat jew xi forma oħra ta' protezzjoni kienet ġiet miċħuda stante li huwa naqas milli jipproduċi evidenza illi uwa mid-distrett ta' Jilip mir-reġjun ta' Middle Juba, Somalja. Illu sussegwntement l- Bord tal- Appell tar- Rifuġjati kkonferma l-istess sentenza. (Vide ittra tal- 4 ta' Awwissu 2014 esebita bħala Dok. HAI 1);
4. Illi sussegwentement ir-rikorrent għamel kuntatt ma' Abdulkadir Muqtar Mohammed, Ahmed Ishak Abdulle, Omar Ahmed Adawe, persuni li huma kollha mis-Somalja u li jafu lir-rikorrent fiż-żmien li kien jgħix fid-distrett ta' Jilip, ir-reġjun ta' Middle Juba, fis- Somalja.
5. Illi fil-fatt it-tlett persuni msemmija fil-paragrafu preċdenti kollha ġew Malta u applikaw sabiex jingħataw l-istat ta' rifuġjati abbażi tal-fatt li huma kienu ġejjin mill-istess distrett ġewwa s- Somalja, u l-applikazzjoni tagħhom ġiet milqugħa u ngħataw protezzjoni umanitarja sussidjarja;
6. Illi peress it-tlett persuni msemmija kienu jafu lir-rikorrent minn mindu kien żgħir, huma għamlu dikjarazzjoni bil- miktub f' dan is- sens u fiha kkonfermaw li kienu jafu lir-rikorrent u li huwa kien, bħalhom, mis-Somalja (Dok HAI 2 sa 4);
7. Illi għalhekk peress li r-rikorrent ġie f'pussess ta' evidenza ġdida li ma kinitx ghad-dispożizzjoni tiegħu, huwa talab li l-applikazzjoni tiegħu terġa tinfetaħ u tiġi kunsiderata mill-ġdid. Fil-fatt huwa għamel dan permezz ta' ittra tal- 4 ta' Awwissu, 2014 (Dok HAI 1);
8. Illi madanakollu permezz tal- ittra stereotajpjata tat- 13 ta' Diċembru, 2014, ir- rikorrent ġie magħarraf li l- applikazzjoni sussegwenti tiegħu ma

setgħetx tintlaqa' u dan minħabba li l-applikazzjoni sussegwenti tiegħu ma kinitx tilħaq il-kriterji għar- rikonoxximent tal- istatus ta' refuġjat u għalhekk kienet qed tiġi riġettata (vide Dok HAI 6);

9. Illi sussegwentement ir-rikorrenti reġa għamel applikazzjoni oħra biex jingħata protezzjoni imma l- Kummissarju tar-Refuġjati bl- ittra tal- 21 ta' Diċembru 2016 iddikjara illi l-istess applikazzjoni kienet inammissibli skond il-liġi (vide Dok HAI 7);

10. Illi bl-imsemmija deċiżjonijiet jingħad li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, ġew miksura l-prinċipji naturali tal- ġustizzja u saret interpretazzjoni, enunċjazzjoni u/jew applikazzjoni ħażina tal- liġi;
11. Illi jingħad li f'materja ta' proċedura, il- liġi ogħla trid illi għallinqas jitħarsu l- prinċipji ta' ġustizzja naturali u illi Bord jew Tribunal li jieħu deċiżjoni dwar kwistjoni li tinġieb quddiemu jkun imwaqqaf sew u jkollu s- setgħa taħt il- liġi li jieħu dik id- deċiżjoni;
12. Illi l-imsemmija deċiżjoni ġiet meħuda bi ksur tal-prinċipji naturali tal-ġustizzja u dritt ta' smiegħ xieraq stante li *inter alia,* il- Kummissarju għar- Rifuġjati u/jew il- Bord tal- Appell naqsu li jagħtu raġuni għal din id- deċiżjoni kif ukoll naqsu milli jagħtu raġuni lir- rikorrent l-opportunita' li jikkontesta jew jagħmel is- sottomissjonijiet tiegħu f' dan ir- rigward;
13. Illi huwa ormai stabilit li l-prinċipji naturali tal- ġustizzja kif ukoll id-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq, jikkomprendu kemm li persuna tingħata l- opportunita' li tiddefendi ruħha i tagħmel il- każ tagħha mod effettiv, kif ukoll li tingħata l-motivazzjoni wara deċiżjoni partikolari;
14. Illi apparti minn hekk ir- rikorrent qiegħed ukoll jissolleva n- nullita' tad-deċiżjoni li qed tiġi impunjata stante li l-Bord tal-Appell li ħa d-deċiżjoni ma kienx imwaqqaf skond il- liġi u għalhekk ma kienx legalment kostitwit. Dan qed jingħad għax skond l-Artikolu 5 tal- Kap 420 sabiex l-imsemmi Bord ikun validament kostitwit, wieħed mill-membri fuq tali Bord għandu jkun persuna b'diżabilita';
15. Illi bara minn dan ir- rikorrent isostni ukoll li din id-deċiżjoni ġiet meħuda fuq interpretazzjoni, enuċjazzjoni u/jew applikazzjoni ħażina tal-liġi, ossia tal-Att dwar ir- Rifuġjati, u dan għar- raġunijiet segwenti;
16. Illi l- Artikolu 7A, tal- Kap 240 jistipula li persuna li tkun applikat għall-protezzjoni internazzjonali tista' tagħmel applikazzjoni sussegwenti lill-Kummissarju għar-Rifuġjati wara li tkun ingħatat deċiżjoni finali mea jifaċċaw elementi jew riżultanzi ġodda rilevanti u li l- applikant ma setax ikun jaf bihom jew li huwa ma setax jippreżenta anterjorment.
17. Illi dan kien propju dak li ġara fil-każ *de quo* u r-rikorrent għamel talba taħt l- Artikolu 7A propju wara li huwa kellu f'idu d-dikjarazzjonijiet tat-tlett persuni msemmija, liema dikjarazzjonijiet ma kinux għandu meta huwa kien applika l- ewwel darba għall- ażil;

18. Illi ma hemm l-ebda dubju li tali dikjarazzjonijiet jikkonfermaw bl-katar mod lampanti li r-rikorrent huwa fil-fatt mid-distrett ta' Jilip, Reġjun ta' Middle Juba ġewwa s-Somalja, b'dan li jirrapprezentaw elementi ġodda deteminanti fir-rigward tat-talba tar-rikorrent – partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-applikazzjoni oriġinali kienet ġiet miċħuda stante li l-Kummissarju ma kienx emmen li r-rikorrent kien verament mil-lokalita' msemmija;
19. Illi għalhekk meta l-Bord iddeċieda li jinjora dawn l-elementi ġodda b'mod għal kollox affrettat u saħansitra ħa deċizjoni sabiex jiċħad l-applikazzjoni tar-rikorrenti, huwa naqas li jikkonsidra li kienu ġew ipprezentati elementi jew konkluzzjonijiet ġodda mill-applikant, li jzidu sostanzjalment il-probabilita` li l-applikant jikkwalifika bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali. Illi b'hekk il-Kummissarju naqas mid-dover, dmir u obblig tiegħu li jwettaq ezami ulterjuri tal-applikazzjoni skond l-Art 7A(5);
20. Illi ulterjorment sar ukoll żball fl-applikazzjoni tal-liġi stante li anke kieku jiġi konċess li l-applikazzjoni sussegwenti kienet inamissibbli din kellha tiġi dikjarata bħala tali a tenur tal-Artikolu 24(1)(f) u mhux 24(1)(d) hekk kif sar fil każ de quo u dan skond l-Art 7A(6);
21. Illi għaldaqstant id-deċiżjoni tal-Bord hija għal kollox konfuzjonarja għax filwaqt li ċahdet l-applikazzjoni sussegwenti, huwa ma jimmotivax id-deċizjoni tiegħu abbażi tal-Artikolu 24(1)(f) hekk kif tassattivament rikjest mil-liġi, izda abbażi tal-Artikolu 24(1)(d);
22. Illi di piu' jingħad li saret ukoll applikazzjoni ħazina tal-liġi f-ezami preliminari tal-applikazzjoni sussegwenti tar-rikorrent, il-Bord naqas milli jizgura li r-rikorrent kien igawdi mill-garanziji msemmija fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-istandards ta' Proċedura fl-Ezami tal-Applikazzjonijiet għall-Protezzoni Internazzjonali. Ezami tal-iter tal-proċedura li ntużat sabiex sar l-eżami preliminari jixhed li bosta mill-imsemmija garanziji ma ġewx segwiti;
23. Illi fil-fatt saret ukoll applikazzjoni ħazina tal-liġi, ossia tal-Artikolu 7A(8)(c) u 7(d) billi r-rikorrent l-anqas ma ngħata l-opportunita' li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub, u wisq inqas viva voce fir-rigward tal-applikazzjoni sussegwenti tiegħu. Di piu` huwa baqa' ma ġiex infurmat dwar l-eżitu tat-talba tiegħu jew id-dritt li jagħmel appell iżda ngħata deċizjoni tal-Bord tal-Appell li kienet sempliċiment konferma tad-deċiżjoni meħuda mill-Kummissarju tar-Refuġjati;
24. Illi l-anqas ma saret intervista personali dwar l-ammissibilta` tal-applikazzjoni qabel ma ttieħdet deċizjoni fuq l-istess hekk kif irid l-Artikolu 24(3) tal-kap 420;
25. Illi ulterjorment ir-rikorrent isostni wkoll li din id-deċizjoni ġiet meħuda fuq interpretazzjoni, enunċjazzjoni u/jew applikazzjoni ħazina tal-liġi stante li għalkemm jidher li r-rikorrent qatt ma kien mgħarraf bid-dritt li

jikseb is-servizz ta' konsulent legali sabiex jassistih matul il-proċeduri u li jikkonsulta lill-Kummissarju Għoli. Dan kien obbligu li kellu bilfors jiġi ezegwit a tenur tal-Artikolu 23(6) tal-kap 240;

26. Illi huwa ormai ben stabbilit li irrispettivament minn dak li jingħad fl-Artikolu 7(9) tal-kap 420, ossia d-deċizjoni tal-Bord ma tistax tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja, "l-ġurisdizzjoni inerenti tal-qrati ta' *judicial review* ma tista' titneħħa minn ebda liġi, għax ma jistax jiġi aċċettat li l-leġislatur qatt jista jippermetti li deċizjoni tittieħed bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew kontra l-liġi";

27. Illi ta' l-istess opinjoni kienet il-Qorti tal-Appell fil-kawza *Washimba v. Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati et,* deċiza fit-28 ta' Settembru, 2012 fejn intqal li l-qrati ordinarji għandhom il-poter jissindikaw l-operat ta' kull tribunal jew bord biex jaraw li dk il-bord jew tribunal ikun mexa skond il-liġi. Fl-imsemmija sentenza intqal ċar u tond li: "Darba l-Bord mar kontra l-liġi, din il-Qorti għandha d-dritt u d-dover li tħassar 'dik id-deċizjoni";

28. Illi peress li għal dawn ir-raġunijiet id-deċizjoni tal-Kummissarju ta-Bord tal-Appelli tar-Refuġjati fil-konfront tar-rikorrent ma hijiex ġusta u skond il-liġi kellha ssir din il-kawza sabiex din tiġi attakkata u annullata;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddeċiedi u tiddikjara li d-deċizjoni tal-Kummissarju għar-Refuġjati u ta-Bord tal-Appelli tar-Refuġjati numru RAB: 3833/2016 hi leziva għad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, u/jew ittieħdet bi ksur tal-prinċipji naturali tal-ġustizzja u/jew hi affetta min interpretazzjoni, enunċjazzjoni u/jew applikazzjoni ħazina tal-liġi, senjatament tal-Att dwar ir-Rifuġjati kap.420;
2. konsegwentement, tħassar u tannulla d-deċizjonijiet tal-Kummissarju għar-Rifuġjati u tal-Bord tal-Appelli fuq imsemmija;
3. konsegwentement tordna l-Kummissarju tar-Rifuġjati u/jew il-Bord tal-Appelli tar-Rifuġjati jerġgħu jisimgħu u jikkunsidraw l-applikazzjoni tar-rikorrent;

Rat it-Tweġiba Maħlufa ta' tal-Kummissarju għar-Refjuġjati u tal-Avukat Ġenerali, tal-Avukat Ġenerali u tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati li eċċepew :

1, Illi fil-kawza odjerna r-rikorrent qiegħed jillanja li fil-kaz tiegħu d-deċizjoni tal-Kummissarju għar-Rifjuġjati u tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refjuġjati hi

leziva tad-drittijiet fundamentali tiegħu u/jew ittieħdet bi ksur tal-prinċipji naturali tal-ġustizzja u/jew hi affetta minn interpretazzjoni, enunċjazzjoni u/jew applikazzjoni ħazina tal-liġi u konsegwentement talab li din l-Onorabbli Qorti tħassar u tannulla l-imsemmija deċizjonijiet;

2. Illi in linea preliminari, il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refjuġjati għandu funzjoni kwazi-ġudizzjarja u għalhekk mhux il-leġittimu kontradittur fil-konfront tal-azzjoni odjerna;

3. Illi in linea preliminari ukoll, l-azzjoni odjerna hija perenta ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi fil-mertu subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda in kwantu fil-kaz tar-rikorrent id-deċizjonijiet li ittieħdu fir-rigward tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tiegħu għall-azil huma ġusti, skont il-liġi u għalhekk jimmeritaw konferma;

Illi fi kwalunkwe kaz u bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirribattu li matul l-istadji kollha tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u l-kaz tar-rikorrent, il-prinċipji elenkati fil-provvedimenti tal-Kap 420 gew pjenament rispettati u dan kif se jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kaz; apparti l-fatt li mhux minnu li l-Bord mhux kostitwit skont il-liġi;

5. Illi l-esponenti jissottomettu li l-allegazzjonijiet li 'l-Kummissarju għar-Refjuġjati u/jew il-Bord naqsu li jagħtu raġuni għal din id-deċizjoni kif ukoll li naqsu milli jagħtu lir-rikorrent l-opportunita li jikkontesta jew jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu' u li r-rikorrent ma ġiex mgħarraf li seta jikseb is-servizz ta' konsulent legali, m' humiex minnhom stante li fi kwalunkwe stadju tal-proċess tal-applikazzjonijiet, ir-rikorrent ingħata l-informazzjoni kollha mehtiega sabiex ikun jista jiddefendi l-interessi tiegħu anke permezz tal-għajnuna legali u anke ingħata l-fakulta li jagħmel is-sottomissjonijet tiegħu fl-istadji kollha tal-proċedura.  Inoltre, ġie debitament infurmat bid-dritt tiegħu sabiex jintavola appell mid-deċizjoni tal-Kummissarju għar-Refjuġjati; kif fil-fatt għazel li jagħmel;

6. Illi finalment jiġi eċċepit li l-fatt li l-ezitu tal-proċeduri quddiem il-Kummissarju u l-imsemmi Bord ma kinux tali li jissodisfaw lir-rikorrent ma jfissirx li tali deċizjonijiet bil-konkluzzjonijiet tagħhom ma kinux ġusti u/jew motivati u/jew skont il-liġi;

7. Illi għar-raġunijiet fuq esposti fiċ-ċirkostanzi odjerni, kemm l-esponent Kummissarju għar-Refjuġjati kif ukoll il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refjuġjati

osservaw kemm id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif ukoll il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u iddeċidew il-kaz skont il-liġi. Inoltre, fil-kaz in ezami mhux minnu li saret interpretazzjoni ħazina tal-liġi meta ġie deċiz li l-kaz tar-rikorrent kien inammissibbli skont il-provvedimenti tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, l-imsemmija deċizjonijiet tal-kaz in kwistjoni m'għandhomx jiġu dikjarati nulli;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti, u l-atti kollha tal-każ;

Ikkunsidrat:

Illi l-parti tal-ewwel talba li mhix ibbażata fuq allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali hija perenta ai termini tal-Artiklu 469A (3) tal-Kap 12 billi d-deċiżjoni li fuqha qiegħed isir l-ilment saret fit-31.01.2017; l-attur ġabar kopja tagħha fl-20.06.2017 u din il-kawża ġiet miftuħa fil-31.01.2018;

Illi l-parti l-oħra tal-ewwel talba mhux ammissibbli billi, skont kif stabbilit minn ġurisprudenza kostanti, l-Artiklu 469A(1)(a) jirreferi għal ksur tal-Kostituzzjoni li ma jkunx ksur tal-jeddijiet fundamentali.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħdha tiċħad it-talbiet tal-attur. Spejjeż a kariku tal-attur.

ONOR. IMHALLEF
GRAZIO MERCIECA